MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 1252/2012

**A B**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti dejjem kien maghruf bhala A B, u dan minn mindu kien zghir dan kif anki jidher minn diversi dokumenti mahruga minn awtoritajiet pubblici annessi ma' dan ir-rikors guramentat.

2. Illi ricentement huwa mar biex jigbor il-kondotta tieghu u sab li kunjomu huwa ntestat bhala 'Grima' u mhux 'B'.

3. Illi dan holoq diffikultajiet kbar lir-rikorrenti tenut kont li huwa kien dejjem maghruf bhala B tant li mar u gabar kopja tac-certifikat tat-twelid tieghu sabiex jara ghalfejn tnizzel il-kunjom Grima fuq il-kondotta tieghu peress li huwa kien minghalih li missieru kien dejjem certu Francis B, li minnu ommu Rita B kienet separata.

4. Illi fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti mahrug mir-Registratur Pubbliku hawn anness u mmarkat "Dokument A” jirrizulta li 'isem u kunjom missier it-tarbija' huma ntestati bhala 'unknown father'.

5. Illi b'sorpriza ghar-rikorrenti mill-istess certifikat jirrizultaw is-segwenti:

i. B'talba tan-Nutar Joseph Sciberras f'isem Francis B permezz ta' kuntratt fl-atti tal-istess Nutar Joseph Sciberras tad-9 ta' Awissu 1985, Francis B, painter iben Nazzareno u Andreana nee Spiteri imwieled u joqghod Hal Luqa irrikonoxxa l-hawn hdejn imsemmi tifel'A' bhala ibnu naturali u peress li l-istess Francis B u Rita Brincat izzewgu fil-31 ta' Dicembru 1983, liema zwieg jinsab registrat f'dan l-ufficju bin-numru 16/1985, din it-tarbija hija legittimata 'per subsequence matrimonium' tal-genituri naturali taghha.

ii. Illi b'sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 1982 fil-kawza fl-ismijiet Rita Brincat vs. John Grima kif konfermata f'sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede civili) fit-30 ta' Lulju 1984, gie dikjarat illi l-konvenut John Grima huwa l-missier naturali tat-tarbija A li twieled lill-attrici fit-22 ta' April 1977.

iii. Illi b'sentenza moghtija mil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Jannar 1997 fil-kawza fl-ismijiet Francis B vs Direttur tar-Registru Pubbliku et, li saret definittiva gie ddikjarat illi d-dikontru A li twieled fit-22 ta' April 1977 mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur Francis B u gie dikjarat

ukoll sabiex tigi kkancellata l-annotazzjoni f'dan l-att tat-twelid li giet registrata fit-23 ta' Awissu 1985, li biha l-attur jidher bhala l-missier tal-imsemmija tarbija.

6. Illi dawn l-annotazzjonijiet kollha wasslu ghal stat ta' konfuzjoni ghar-rikorrenti specjalment peress li huwa dejjem zamm il-kunjom B u dan ghat-tul ta' hajtu u cioe' mis-sena 1985 sallum u cioe' dawn l-ahhar sebgha u ghoxrin (27) sena.

7. Illi l-artikolu 92(6) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi 'Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jew ta' kull artikolu iehor fil-Kodici, meta l-paternita ta' persuna tkun giet maghrufa jew il-filjazzjoni ta' persuna tkun gie: dikjarata mill-qorti, jew tkun saret tapplika l-prezunzjoni msemmija fl-artikoli 101 sa 112, kull min b'konsegwenza ta' dak it-taghrif filjazzjoni jew applikazzjoni tal-prezunzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom uzat minnu qabel dak it-taghrif filjazzjoni jew applikazzjoni tal-prezunzjoni, jew ir-rapprezentant legittimu tieghu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku jithalla juza dak il-kunjom l-iehor,u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-uzu ma jkunux ser jigu pregudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar ghan-nom ta' minuri, li dak l-uzu jkun fl-ahjar interess tal-minuri, hija ghandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur inizzel annotazzjoni tad-decizioni moghtija minnha fuq l-Att ta' twelid rilevanti ta' min ikun gie hekk maghruf jew li tkun giet hekk dikjarata l-filjazzjoni tieghu jew li dwaru ghandha tapplika dik il-prezunzioni';

8. Illi r-rikorrenti dejjem kien maghruf bil-kunjom B tant illi l-familjari u hbieb tal-istess rikorrenti kollha jafuh bil-kunjom "B" u dan kif jidher anki mill-annessi affidavits mmarkati "Dokument D", "Dokument E","Dokument F", "Dokument G";

9. Illi anki diversi dokumenti juru li r-rikorrenti dejjem kien maghrufha bil-kunjom B, u dan kif jidher mic-certifikati tieghu, annessi u mmarkati "Dokument H", "Dokument I", "Dokument J, "Dokument K","Dokument L",

"Dokument M", "Dokument N", "Dokument O","Dokument P", "Dokument Q"u kif ukoll minn kopja tal-karta ta' l-identita tieghu hawn annessa u mmarkata "Dokument R".

10. Illi nonostante dak li nghad fil-premessi procedenti, l-att tat-twelid tar-rikorrenti u l-annotazzjonijiet ta' fuqu jwasslu sabiex r-rikorrenti qieghed ikollu jirreverti ghall-kunjom 'Grima' liema kunjom huwa qatt ma uza u qatt ma kien jaf li kellu juza qabel ma nqalet din il-kwistjoni tal-kondotta stante li lanqas kien jaf li kien hemm sensiela ta' kawzi dwar il-paternita tieghu.

11. Illi tali inkonsistenza kkawzat u qed tikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrenti;

12. Illi r-rikorrenti ghandu interess skont il-ligi, inter alia ai termini tal-Artikolu 92(6) tal-Kap 16 huwa jigi awtorizzat li jibqa' juza l-kunjom B, liema kunjom huwa dejjem kien maghruf bih tul hajtu kollha.

13. Illi din it-talba tar-rikorrenti mhux ser jippregudika lil-ebda terzi.

14. Ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li l-kunjom li bih ir-rikorrenti huwa konsistentement maghruf huwa "B" u mhux "Grima";

2. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jithalla juza l-kunjom B.

3. Tordna lid-Direttur inizzel l-annotazzjoni tad-decizjoni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fuq l-Att ta' twelid tar-rikorrenti.

4. Tordna li din l-annotazzjoni tigi riflessa f'kull att tal-istat civili relattiv tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat."

Rat l-elenku ta’ dokumenti u l-lista tax-xhieda ipprezentati mill-attur.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-10 ta’ Jannar 2013 li permezz taghha ghamel is-segwenti sottomissjonijiet:-

1. Illi preliminarjament, l-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax f'din l-istanza u dan ghaliex l-imsemmi artikolu gie fis-sehh permezz ta' Att XVIII tas-sena 2004, liema artikolu m'ghandux effett retroattiv;

2. Illi bla hsara ghas-suespost l-Artikolu 92 (6) rnhux applikabbli ghas-sitwazzjoni in ezami u dan ghaliex l-Artikolu 92 huwa applikabbli f'kazijiet fejn persuna tassumi kunjom ommha ghax ma tkunx giet rikonoxxuta mill-missier;

3. Illi ghalhekk l-Artikolu 92 (6) japplika meta l-imsemmija persuna tigi rikonoxxuta mill-missier u l-bdil fil-kunjom ha jikkawza konfuzjoni u hija f'dik is-sitwazzjoni biss fejn il-persuna tibqa' tassumi l-kunjom li hija maghrufha bih u cioe l-kunjom ta' l-omm:

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jekk din l-Onorrabli Qorti ser taccetta li din l-azzjoni tigi msejsa taht l-Artikolu 92 (6) tal-Kodici Civili, l-esponent umilment jeccepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ratione materiae ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex taqta' u tiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti stante li, hekk kif indikat fir-Regola 4 tal-Avviz Legali 396 tal-2003 (1.5. 12.19 Ordni dwar it-twaqqif ta Sezzjoni tal-Qrati Civili), il-Qorti kompetenti ghall-applikazzjonijiet taht Titolu Tnejn tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili hija Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

5. Illi min-naha l-ohra jekk din l-Onorabbli Qorti ma taccettax li din l-azzjoni tigi bbazata fuq l-Artikolu 92 (6) l-attur ghandu jispecifika taht liema artikolu tal-ligi huwa qieghed isejjes l-azzjoni tieghu halli b'hekk l-esponent jkun f' qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti

umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrent jindika taht liema disposizzjoni tal-ligi hu qieghed jesperixxi l-proceduri istanti;

6. Illi, dejjem bla hsara ghal premess, jekk tali azzjoni qed tigi sostnuta fuq l-Artikolu 253 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, isegwi li t-talba tar-rikorrenti hija insostenibbli u dan stante li gie maghruf maz-zmien li l-missier bijologiku ta' A ihadan il-kunjom Grima u mhux B u ghalhekk hu kien maghruf b'kunjom li ma hemmx konnessjoni mieghu;

7. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex huwa ben maghruf li wild jiehu l-kunjom tal-missier ai terrninu tal-Artikolu 92 (1) tal-Kodici Civili:

8. Illi fil-kawza odjerna A B m' ghandu l-ebda konnessjoni ma' Francis B u dan kif spjegat tajjeb fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Francis B vs Rita B et datata 22 ta' Jannar 1997, u cioe' li Francis B m'huwiex missier A B;

9. Illi mis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 1982 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (se de Civili) fit-30 ta' Lulju 1984 f1-ismijiet Rita Brincat vs John Grima, gie muri li missier A B m'huwa hadd hlief John Grima;

10. Illi ghalhekk huwa car li kunjom A ghandu jkun Grima u dan ilu jassumi dan il-kunjom minn ta' lanqas hmistax-il sena u cioe mis-sena elf disgha mija u sebgha u disghin minn meta l-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet iddikjarat li Francis B mhux missieru;

11. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Semghat il-provi;

Rat l-atti kollha;

Rat in-noti ta' osservazzjonijietypprezentati mill-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**L-Azzjoni.**

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob li jzomm kunjom B nonostante li missieru ma jgiebx dak il-kunjom u dan ghar-raguni li l-attur ilu snin kbar igib il-kunjom B.

**Provi.**

Jirrizulta li l-attur twieled fit-22 ta' April 1977 u fis-26 ta' Mejju 1977 ommu, Rita Brincat, irregistratu mar-Registru Pubbliku bhala li twieled minn missier mhux maghruf. Ghalhekk ha l-kunjom Brincat. Sussegwentement Rita Brincat istitwiet kawza kontra certu John Grima u b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Rita Brincat vs John Grima", John Grima gie dikjarat bhala missier l-attur, liema sentenza giet konfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Lulju 1984. Peress li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma kienx parti f'dawk il-kawzi u omm l-attur ma haditx hsieb li tirregistra s-sentenza tal-Qorti mar-Registru Pubbliku, l-attur baqa' fir-Registru Pubbliku jidher b'missier mhux maghruf.

Fil-31 ta' Dicembru 1983 certu Francis B izzewweg lil Rita B, meta l-attur kellu gia' sitt snin u nofs. Sentejn wara, u cioe' fid-9 ta' Awwissu 1985, Francis B ghamel dikjarazzjoni quddiem in-Nutar Joseph Sciberras u ddikkjara li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa missier

l-attur, irrikonoxxih bhala ibnu u iddikjara li kien qed jillegittimah “per subsequens matrimonium” liema dikjarazzjoni giet registrata u annotata fic-certifikat tat-twelid tal-attur bin-numru 2182/77. B’hekk l-attur ha l-kunjom B.

Gara izda illi sussegwentement inqala disgwid bejn il-koppja B u b’ritaljazzjoni Francis B fetah kawza fis-sena 1992 fejn talab lill-Qorti tiddikjara illi huwa ma kienx missier l-attur u li r-rikonoxximent li huwa kien ghamel fid-9 ta’ Awwissu 1985 ma kellux mill-verita’. B’sentenza tat-22 ta’ Jannar 1997 il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kienet iddikjarat li fic-cirkostanzi ma kellhiex triq ohra hlief li tilqa’ t-talba ta’ Francis B u tiddikjara li A ma kienx ibnu. Iddikjarat ukoll illi d-dikjarazzjoni li kien ghamel Francis B f’kuntratt pubbliku fid-9 ta’ Awwissu 1985 kienet nulla u bla effett fil-ligi. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku, li kien parti f’dik il-kawza, ghamel l-annotazzjonijiet kollha rilevanti sew tal-kawza deciza fit-22 ta’ Jannar 1997 kif ukoll tal-kawza Rita Brincat vs John Grima deciza fit-30 ta’ Lulju 1984. Ghalhekk jirrizulta li bejn is-sena 1985 u s-sena 1997, meta l-attur kellu gia’ ghoxrin sena, huwa kien jidher fir-Registru Pubbliku bil-kunjom B.

Irrizulta li l-passaport li kellu l-attur kien inhareg fis-sena 1994 , tlett snin qabel ma giet annotata fir-Registru Pubbliku is-sentenza Rita Brincat vs John Grima deciza fil-5 ta’ Mejju 1982 u konfermata fl-Appell fit-30 ta’ Lulju 1984 li baqghet mhux registrata ghal tlettax-il sena shah. Minhabba dan in-nuqqas l-informazzjoni fir-Registru Pubbliku kienet tindika erronjament illi kunjom l-attur kien B u mhux Grima.

Irrizulta wkoll illi l-ahhar karta ta’ l-identita’ li inharget lill-attur kienet bil-kunjom ‘B’. Din inhareget fis-sena 2002. Is-Sur George Saliba, Direttur tal-Operat fl-Ufficju Elettorali xehed[1] illi fis-sena 1993 kienet inharget lill-attur karta ta’ l-identita’ li kienet ibbazata ezattament fuq ic-certifikat tat-twelid tal-attur mahrug mir-Reigstru Pubbliku fit-22 ta’ April 1992, meta fir-Registru Pubbliku l-attur kien

[1] Ara affidavitipprezentat fis-16 ta’ Mejju 2013.

jidher bil-kunjom B.  Meta fis-sena 2002 l-attur mar igedded il-karta ta' l-identita' tieghu, huwa ma indikax li kien hemm bdil fic-cirkostanzi filwaqt li ffirma bhala "B A". Ghalhekk l-ufficjal pubbliku li irceva l-applikazzjoni ghal tigdied tal-karta ta' l-idenitta' strah fuq dak li kien ikkonferma l-attur fuq il-Formola tal-Karta ta' l-Identita'.[2]

Elizabeth Olivieri, Project Manager fil-MITA, kompliet telabora fuq dan il-punt u spjegat illi meta fis-sena 2002 kien qed isir ir-renovar tal-karti ta' l-identita', fl-ufficju ta' Bormla fejn mar l-attur ma kienx hemm is-sistema CdB disponibbli u ghalhekk wiehed qaghad fuq l-informazzjoni moghtija mill-attur u ma saret l-ebda verifika peress li f'dak l-ufficju ma setghatx issir.

Peress li l-attur baqa' juza karta ta' l-identita' li nharget fis-sena 2002, meta jipprezenta ruhu ghal xi attivita' bhal xi ezami jew licenzja, kien qed jitnizzel bhala li ghandu l-kunjom 'B'.

Kien ghalhekk li ghall-attur il-problema tfaccat fl-1 ta' Frar 2013 meta mar jigbor il-kondotta tal-Pulizija u peress li d-dettalji fuq il-kondotta johorgu mid-dettalji li hemm fic-CdB System,  il-kopja li tohrog mis-sistema indikat lill-attur bil-kunjom B.  Izda kif spjega PC1515 Austin Magro[3], filwaqt li s-sistema li tintuza biex tohrog il-kondotta tal-Pulizija hija c-CdB, huwa qata' il-kunjom "Grima" u kiteb il-kunjom "B" peress li fuq dettalji bhal kunjom il-Pulizija toqghod fuq dokumenti bhal passaport jew karta ta' l-identita'.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt.**

Jigi mill-ewwel sottolineat illi l-kaz in dizamina huwa kaz rarissimu, rizultat ta' cirkostanzi partikolarissimi u sfortunati. Fil-fatt fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu id-Direttur tar-Registru Pubbliku issottometta li mir-ricerka li kkonduca bi preparazzjoni ghan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu ma sabx kaz iehor identiku ghal dak odjern.

---

[2] Ara Dok. GS2 anness mal-affidavit ta'George B.
[3] Ara xhieda moghtija fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2013.

**Artikolu 92 (1) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"Tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg, jekk ikun gie maghruf b'ibnu mill-missier, jiehu l-kunjom tal-missier, li mieghu jista' jzid il-kunjom tal-omm, diversament, jiehu l-kunjom xbubit l-omm".

L-attur qed jitlob li ai termini tal-**Artikolu 92 (6)** tal-Kap. 16, huwa jibqa' juza l-kunjom B peress li tul hajtu kollha uza dan il-kunjom. Dan is-sub-artikolu jipprovdi illi:-

"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jew ta' kull artikolu iehor fil-Kodici, meta l-paternita' ta' persuna tkun giet maghrufa jew il-filjazzjoni ta' persuna tkun giet dikjarata mill-Qorti, jew tkun saret tapplika l-presunzjoni msemmija fl-artikoli 101 sa 112, kull min b'konsegwenza ta' dak it-taghrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-presunzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom uzat minnu qabel dak it-taghrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-prezunzjoni, jew ir-rapprentant legittimu tieghu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku jithalla juza dak il-kunjom l-iehor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-uzu ma jkunx ser jigu pregudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar ghan-nom ta' minuri, li dak l-uzu jkun fl-ahjar interess tal-minuri, hija ghandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur inizzel annotazzjoni tad-decizzjoni moghtija minnha fuq l-Att tat-Twelid rilevanti ta' min ikun gie hekk maghruf jew li tkun giet hekk dikjarata l-filjazzjoni tieghu jew li dwaru ghandha tapplika dik il-prezunzjoni."

Skont id-disposizzjoni appena citata, sabiex wiehed ikun intitolat li jitlob li jithalla juza il-kunjom li wiehed kellu qabel l-gharfien ta' paternita' jew dikjarazzjoni ta' filjazzjoni li tkun taghtu kunjom iehor, jehtieg li l-Qorti tikkonsidra jekk f'kaz li t-talba li jibqa' izomm il-kunjom ta' qabel tintlaqa' "jkunx ser jigu pregudikati terzi".

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku saret referenza ghal sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla moghtija fit-30 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet "**Nardu**

**Balzan Imqareb vs Direttur tar-Registru Pubbliku.**". Ghalkemm sew is-sentenza kif ukoll ir-rassenja ta' gurisprudenza hemm elenkata hija ta' interess notevoli fuq il-provvedimenti legali in dizamina, jirrizulta lil din il-Qorti illi l-fattispecie ta' dik il-kawza huma nettament diversi minn dawk tal-kawza odjerna bil-konsegwenza li l-konsiderazzjonijiet u d-deliberazzjonijiet hemm maghmula ftit ghandhom rilevanza ghall-kawza odjerna.

Fil-kawza appena citata l-attur ried li jibdel kunjomu minn Balzan ghal Balzan Imqareb. Il-kelma imqareb qatt ma kienet tifforma parti mill-kunjom tal-attur f'dik il-kawza u lanqas kienet kunjom xi hadd mill-genituri tieghu.

Mhux hekk fil-kawza odjerna. L-attur kien registrat mar-Registru Pubbliku bil-kunjom B bejn is-sena 1985 sas-sena 1997, perijodu ta' tnax-il sena. Dak li qed jitlob l-attur essenzjalment huwa illi ghalkemm b'sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla tat-22 ta' Jannar 1997 huwa gie dikjarat li ma kienx iben Francis B, huwa ghandu jithalla juza il-kunjom B ghaliex jekk ser ikun kostrett juza l-kunjom "Grima" ser jigi rinfaccjat b'hafna diffikultajiet. Jirrizulta li kull certifikat li s'issa ottjena l-attur inkluz dawk li ghandhom x'jaqsmu ma' edukazzjoni u kwalifiki[4], kollha jindikawh bil-kunjom "B". Illum il-gurnata l-attur ghandu sitta u tletin (36) sena u sal-lum, kagun tac-cirkostanzi li sab ruhu fihom u li taghhom ma kellu l-ebda responsabbilita', dejjem uza l-kunjom "B." Huwa evidenti illi jekk isssa ta' 36 sena ser jibdel kunjomu minn B ghal Grima ser jinholqu ghall-attur diversi diffikultajiet.

Ma jirrizultax li l-akkoljiment tat-talba attrici ser jippregudika lil xi hadd.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu id-Direttur tar-Registru Pubbliku issottometta wkoll illi f'kaz li l-Qorti tilqa' t-talba sabiex ikun hemm bdil fil-kunjom, l-akkoljiment ghandu jkun fis-sens illi l-attur jismu "A Grima maghruf bhala B" u dan permezz ta' annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-attur, u

[4] Ara kopja ta' certifikati rilaxxjati mill-Universita' ta' Malta a fol. 33-37, mill-ETC – fol. 38-40, mill-Edexel – fol.41, u mill-Kullegg St Thomas More – fol.63

dan peress li l-Att tat-Twelid tal-attur, li sar qabel is-sena 2005, ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju ta' l-ebda tip fejn jista' jigi inserit il-kunjom.

Filwaqt li l-Qorti tapprezza li jista' jkun hemm xi diffikulta' amministrativa, tirrileva li l-Artikolu 92 (6) tal-Kap. 16 li fuqu hija msejsa din il-kawza ma jipprovdi l-ebda restrizzjoni li qed tigi suggerita mid-Direttur. Jirrizulta illi jekk it-talba attrici ma tigix akkolta, huwa issa fl-eta' ta' 36 sena li l-attur ikollu jibda juza l-kunjom Grima minflok "B" stante li sa issa sew il-passaport kif ikoll il-karta ta' l-identita' li kienu f'idejh it-tnejn qeghdin bil-kunjom B.

Fir-rigward tar-raba' talba attrici imsejsa fuq l-artikolu 253 (3) tal-Kap.16 il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-Direttur illi mhux applikabbli ghal dan il-kaz stante li l-kawza ma hiex imsejsa fuq l-Artikolu 253 tal-Kap. 16

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijeit sollevati mill-konvenut Direttur salv dawk rigwardanti r-raba' talba attrici;

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attrici u tordna li l-attur ghandu jithalla juza l-kunjom "B" minflok il-kunjom "Grima";

2. Tilqa t-tielet talba attrici u tordna lid-Direttur inizzel annotazzjoni ta' din id-decizzjoni fl-Att tat-Twelid tal-attur.

3. Tichad ir-raba' tal-talba attrici.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------